# Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja

minn Julian Bezzina

Meta r-re Salamun lesta t-tempju ta' Gerusalem madwar is-sena 960 qabel kristu ġabar il-poplu kollu t'Israel u quddiem kulħadd ddedikah lil Alla. Hekk tagħmel il-knisja meta xi parroċċa tagħha tibni l-knisja parrokkjali u hekk għamel il-Kappillan tar-raħal tagħna Dun Salvatore Zarb fl-1743 meta l-knisja tagħna kienet lesta minn kollox.

Il-bini tal-knisja ħa sitta u għoxrin sena biex tlesta bejn 1612 u 1638. Din imbniet bit-tħabrik ta' l-ewwel Kappillan tar-raħal Dun Gwann Battista Chetcuti kif insibu miktub fir-rapport tal-vista pastorjali ta' Mons. Giacomo Molina (1678). Il-Knisja nbniet fuq pjanta ta' Tumas Dingli li mexxa x-xogħol tagħha sa ma tlestiet. Il-qisien propozzjonali jew is-simitrija tagħha tiġbed l-ammirazzjoni u turik il-kapaċita ta' dan il-perit magħruf.



Wara li tlesta l-bini kien għad fadal ħafna xogħol xi jsir, bħal bini ta' l-artali, l-art li kienet kollha oqbra u x-xogħol tat-tikħil u tibjid. Iżda l-knisja żgur li bdiet tintuża għas-sevizz liturġiki tant li l-knisja ta' San Gwann Battista li kienet sservi ta' parroċċa waqt il-bini tal-knisja parrokkjali fl-1675 ġiet mibnija mill-ġdid.

Meta laħaq L-isqof Mons. Fra Paolo Alferan de Brussan fl-1728 sab li xi knejjes parrokkjali li kienu lesti minn kollox kien għadhom ma ġewx ikkonsagrati u għalhekk hu beda jikkonsagra l-knejjes li tlestew u ħeġġeġ lill-Kappillan ta' rħula oħra biex ilestu l-knejjes parrokkjali li kienu qed jinbnew.Wara li sar rikors mill-kappillan tar-raħal Dun Salvatore Zarb biex il-Knisja tkun ikkonsagrata, id-data tat-22 t'April, 1736 ġiet imħabbra b'digriet li twaħħal mal-bieb tal-Kurja ta l-isqof u mal-bieb tal-knisja tar-raħal tagħna. Ir-rapport tal-konsagrazzjoni nsibuh miktub fl-arkivju tal-kurja ta' l-Arċisqof minn Dun Duminik Falzon li kien il-Kanċillier tal-Vista Pastorjali tal-1736.

Iċ-ċerimonja tmexxiet skont ir-rit tal-knisja. Il-Kronista jgħidilna li kmieni fil-għodu l-Isqof flimkien ma' Mons. Adrijanu Gurgion, Vigarju u Mons Guiseppe Costantio ħalla r-raħal tan-Naxxar u mar jara jekk il-knisja parrokkjali tagħna ma kienetx imħejjija sewwa biex tiġi kkonsagrata. Meta ra li kollox kien sewwa huwa mar fil-Knisja ta' San Nikola biex jagħti qima lir-relikwi mqaddsa. Imbagħad bdiet il-purċissjoni bir-relikwi fost sparar, daqq tal-qniepen u ferħ kbir. Meta wasal il-knisja tpoġġew fuq l-artal maġġur. L-isqof imbagħad libes l-ilbies penitenzjali u ikkonsagra l-artal u sitt pilastri tal-knisja billi dilikom biż-żejt imqaddes u berikhom. Imbagħad poġġa r-relikwi mqaddsa taħt is-slaleb ta' l-irħam u f'ħofra żgħira f'nofs l-artal. Huwa xerred l-irmied fl-art u kiteb l-ewwel u l-aħħar ittra ta' l-alfabet grieg, Alfa u omega. Imbagħad saret il-quddiesa. Waqt il-quddiesa l-isqof għamel priedka u ġiet imfissra bil-Malti minn Dun Mikiel Angelo Mamo li kien wieħed mill-missjunarji tal-vista pastorali.

Din il-funzjoni hekk importanti hija mfakkra b'lapida li hemm fuq wieħed mill-pilastri li tgħid: " Dan il-Bini li l-poplu devot ried jiddedika lil San Bartilmew Appostlu ġie ikkonsagrat mill Illustrissimu u Reverendissimu Mons. Fr. Paolo Alferan de Bussan skond ir-rit solenni 10 t'ijiem qabel il-kalendi ta' Mejju 1736 meta kien imexxi l-parroċċa Dun Salvatore Zarb."

Ta min ifisser li d-data tal-konsagrazzjoni miktuba fuq il-lapida hija miktuba eżatta kif kienu jiktbuha r-rumani. Din tfisser li l-konsagrazzjoni saret għaxar t'ijiem qabel l-ewwel ta' Mejju 1736 li tfisser it-22 t'April 1736 li dik is-sena kien jaħbat it-tielet Ħadd wara l-Għid il-kbir.